

# KARNIVAL 2011

***Organizzat mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija***

## Programm ta' Attivitajiet



Is-Sibt 26 ta' Frar 2011 fis-7.00pm fiċ-Ċentru Parrokkjali tax-Xewkija ser tittella' Kummiedja ta' Ninu Cutajar tal-Mellieħa Stage Friends bl-isem :-
**"Il-Praspar ta' Gori".**

****** ***

Il-Ġimgħa 04 ta' Marzu fis-6.30pm, Serata Karnivaleska fiċ-Ċentru Parrokkjali fejn ikun hemm il-kompetizzjonijiet tal-Kostumi.
**Wara Ballu kbir tal-karnival fi Pjazza San Ġwann Battista.**



*********



Is-Sibt 05 ta' Marzu fis-6.00pm, fi Triq San Bert u Pjazza San Ġwann Battista nassistu għall-varjeta ta' żfin minn diversi Kumpaniji tal-Karnival, Karrijiet kbar u żgħar u Maskri Grotteski. Jippreżentaw Veronica u d-Dulli.

*********

Il-Ħadd 06 ta' Marzu fl-10.00am tibda l-Isfilata tal-Karnival immexxija minn Banda Prekursur u bis-sehem tal-Karrijiet tal-Karnival. L-isfilata tibda minn Triq Ta' Ġokk u tintemm fi Triq Ħamrija (ħdejn l-iskola primarja). Eżatt wara l-isfilata ssir il-Kukkanja.



******

***

## Karnival Spontanju

Il-Karnival spontanju fix-Xewkija kien ferm popolari sa ftit tas-snin ilu. Il-Kunsill qed jaħdem biex jerġa' iqajjem din it-tradizzjoni. Din is-sena mill-Ġimgħa 04 sat-Tlieta 08 ta' Marzu ser ikun hemm daqqaqa tradizzjonali/bands mit-8.00pm 'l quddiem f'tal-Bombos fi Triq il-Kbira u ħwienet/każini oħra. Ejjew



# KARNIVAL 2011

***Organizzat mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija***



## Kompetizzjoni għall-isbaħ kostum

Il-Ġimgħa 04 ta' Marzu fis-6.30pm fiċ-Ċentru Parrokjali tiġi organizzata kompetizzjoni tal-kostumi. Din il-kompetizzjoni ser tkun maqsuma fi tnejn, taqsima għall-kompetituri mix-Xewkija biss (trid tiġi preżentata l-Karta tal-Identita tal-ġenituri) u oħra għall-kompetituri oħrajn. Kull kompetizzjoni ser tinqasam f'żewg kategoriji ta' eta', dik ta' bejn 2 sa 6 snin u oħra minn 7 sa 13 'l sena. Il-Kategoriji tax-Xewkija ser ikunu maqsuma fi tnejn, sezzjoni għall-kostumi magħmula bl-użu tal-'foam' u sezzjoni mingħajr użu ta' 'foam' .

Se tittella' kummiedja mill-Għaqda Drammatika tax-Xewkija. Ejja u ma jiddispjaċikx!

Jingħataw trofew għall-isbaħ tlieta ta' kull kategorija u sezzjoni kif ukoll rigal ta' tifkira lil kull parteċipant.

**Wara Ballu kbir tal-karnival fi Pjazza San Ġwann Battista.**

****************************

## Sfilata u Varjeta ta' Żfin



Is-Sibt 05 ta' Marzu fis-6.00pm tiġi organizzata serata karnivaleska fi Triq San Bert u fi Pjazza San Ġwann Battista fejn ikun hemm ukoll il-kompetizzjoni għall-aħjar karru armat għall-Karnival. Din il-kompetizjoni se tkun maqsuma f'żewġ kategoriji, waħda għal dawk mir-raħal u l-oħra għall-oħrajn. Il-kategoriji tal-karrijiet jitqassmu mill-ġurija skond il-kobor tal-karru.

Il-Ħadd 06 ta' Marzu, fl-10.00am tiġi organizzata l-isfilata tal-Karnival fi Triq Ta' Ġokk u Triq Ħamrija bis-sehem tal-Banda Prekursur u l-Karrijiet tal-Karnival. Tiġi organizzata wkoll il-Kukkanja.

****************************************

**Min jixtieq jieħu sehem f'xi waħda mill-kompetizjonijiet irid jinkiteb fl-Uffiċċju tal-Kunsill sa mhux aktar tard minn nhar it-TNEJN 28 ta' Frar 2011. Applikazjonijiet li jaslu tard jistgħu ma jiġux aċċettati.**

**Id-deċiżjonijiet tal-ġurija jkunu finali.**